

### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni impliċita tal-EIGE tas-26 ta' Awwissu 2016, li tiċħad it-talba tar-rikorrent datata s-26 ta' April 2016 għat-tieni tiġid tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu;
- tannulla wkoll, sa fejn meħtieġ, id-deċiżjoni tal-EIGE tal-20 ta' Jannar 2017, innotifikata lir-rikorrent fit-23 ta' Jannar 2017, li tiċħad l-ilment tar-rikorrent imressaq fit-3 ta' Ottubru 2016 kontra d-deċiżjoni impliċita tal-EIGE;
- tikkumpensa lir-rikorrent għad-dannu materjali u morali sostnun;
- tirrimborsa l-ispejjeż kollha sostnuni f'dan l-appell.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u għaldaqstant tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.
  - Il-konvenut naqas milli jipprovd iż-żgħix l-rikorrent deċiżjoni motivata dwar is-sustanza tat-talba u l-ilment sussegamenti. Din l-assenza totali ta' motivazzjoni tikser l-obbligu ta' motivazzjoni u l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-UE u tad-Deċiżjoni tal-EIGE Nru 82, tat-28 ta' Lulju 2014, dwar il-proċedura ta' tiġid/nuqqas ta' tiġid ta' kuntratti applikabbli għall-aġenti temporanji u għall-aġenti b'kuntratt ("Deċiżjoni 82").
  - Il-konvenut naqas milli jeżerċita kif xieraq is-setgħat diskrezzjonali mogħtija lilu mid-dispożizzjoni tajeb hawn fuq imsemmija u ma wettaqx eżami shiħi jew fid-dettall tal-fatti rilevanti kollha tal-każ.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq irregolaritajiet proċedurali inklużi l-ksur tar-regoli proċedurali interni stipulati fid-Deċiżjoni 82, il-ksur tad-drittijiet ta' difiża, tad-dritt għal smiġħ, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' diliġenza.
  - Il-konvenut mhux talli naqas milli jsegwi l-proċedura prevista fid-Deċiżjoni 82 talli naqas milli jisma' b'mod effettiv il-perspettivi tar-rikorrent b'xi mod ieħor. Għalhekk, huwa naqas, qabel ma ħa d-deċiżjoni tas-26 ta' Awwissu 2016, milli jikseb informazzjoni rilevanti mir-rikorrent dwar l-interessi tiegħu u ma ppermettiex lir-rikorrent jiġi preparata seċċwa d-difiża tiegħi.

---

### Rikors ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2017 – SF vs Il-Parlament

(Kawża T-275/17)

(2017/C 239/62)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: SF (rappreżentanti: L. Levi u C. Bernard-Glanz, lawyers)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

### Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata tat-30 ta' Ġunju 2016, li tiċħad it-talba għal assistenza tar-rikorrent u, sa fejn huwa neċċesarju, id-deċiżjoni li tiċħad l-ilment;
- tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lir-rikorrent l-ammont ta' EUR 10 000, jew kwalunkwe ammont ieħor li l-Qorti ġenerali tqis xieraq, bħala kumpens għad-dannu morali subit, flimkien mal-interessi b'rata legali sa' ma jsir il-ħlas;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni

— Ir-riorrent isostni li l-konvenut wettaq żball meta ddikkjara li l-aġir inkwistjoni ma kienx abbużiv, u wettaq ukoll żball meta qies li dan l-aġir ma kienx ikkawża preġudizzju għall-personalită, id-dinjità jew l-integrità fízika jew psikoloġika tar-riorrent.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-obbligu ta' assistenza

— Ir-riorrent jargumenta, b'mod partikolari, li l-konvenut ma ttrattax it-talba għal assistenza b'mod serju u rapidu, bħalma titlob il-ġurisprudenza applikabbli.

### **Rikors ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2017 – Keolis CIF et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-289/17)**

(2017/C 239/63)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

**Rikorrenti:** Keolis CIF (Le Mesnil-Amelot, Franza), Keolis Val d'Oise (Bernes-sur-Oise, Franza), Keolis Seine Sénart (Draveil, Franza), Keolis Seine Val de Marne (Athis-Mons, Franza), Keolis Seine Esonne (Ormoy, Franza), Keolis Vélizy (Versailles, Franza), Keolis Yvelines (Versailles) u Keolis Versailles (Versailles) (rappreżentanti: D. Epaud u R. Sermier, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea

### **Talbiet**

- prinċipalment, tiddikjara l-annullament parpjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-2 ta' Frar 2017, dwar l-iskemi ta' ghajjnuna SA.26763 2014/C (ex 2012/NN) implementata minn Franza favur impriżi ta' trasport bix-xarabank fir-reġjun Ile-de-France, sa fejn tiddikjara, fl-Artikolu 1 tagħha, li l-iskema ta' ghajjnuna ġiet implementata “illegalement”, minkejja li kienet skema ta' ghajjnuna eżistenti;
- sussidjarjament, tiddikjara l-annullament parpjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-2 ta' Frar 2017, dwar l-iskemi ta' ghajjnuna SA.26763 2014/C (ex 2012/NN) implementata minn Franza favur impriżi ta' trasport bix-xarabank fir-reġjun Ile-de-Francee, sa fejn tiddikjara, fl-Artikolu 1 tagħha, li l-iskema ta' ghajjnuna kienet implementata illegalment, għall-perjodu qabel il-25 ta' Novembru 1998;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-riorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, imqajjem prinċipalment, ibbażat fuq il-fatt li l-iskema ta' ghajjnuna reġjonalni inkwistjoni ma kinitx ġiet implementata illegalment, peress li ma kinitx suġġett għall-obbligu ta' notifika minn qabel. L-iskema ta' ghajjnuna reġjonalni fil-fatt kienet skema ta' ghajjnuna eżistenti, fis-sens tal-Artikolu 108(1) TFUE u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 (b) u l-Kapitolu VI tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589, tat-13 ta' Lulju 2015, li jistablixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9) (iktar il-quddiem ir-“Regolament Nru 2015/1589”). Skont ir-regoli applikabbli għall-iskemi ta' ghajjnuna eżistenti, l-implementazzjoni tagħhom ma hijiex illegali, peress li l-Kummissjoni tista' biss tippreskrivi, jekk ikun il-każ, miżuri utli intiżi li bihom jistgħu jinbidlu jew jisparixxu fil-futur.